TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 201/15/GB

**Mary Grace Vella**

**vs**

**Lourdes Service Station – Joe Buhagiar**

Illum 2 ta' Dicembru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Ottubru, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' erbgha mija tnejn u tletin Ewro (€432.00), rapprezentanti l-prezz li hallset lill-intimat ghal tibdil ta' 'parts' u xogholijiet ta' tiswija fuq il-karozza taghha, wara liema xogholijiet, il-karozza xorta wahda baqghat ma tahdimx sew; kif ukoll hames mitt Ewro (€500.00) bhala danni morali.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kellha karozza li kienet bdiet bil-problemi, u ghalhekk kienet haditha ghand l-intimat fuq rakkomandazzjoni ta' 'Elmo Insurance'. L-intimat kien qalilha x'kellha bżonn il-karozza sabiex titranġa, u ghalhekk ir-rikorrenti kienet hallietlu l-karozza sabiex isewwiha. Ghaddew hafna xhur, pero' r-rikorrenti baqghat minghajr karozza. Meta fl-ahhar, il-karozza kienet lesta, l-intimat taha kont fejn kien żied sebgha affarijiet ohra, pero' r-rikorrenti ma hallsitux taghhom. Ir-rikorrenti hallsitu erbgha mija tnejn u tletin Ewro (€432.00), pero' l-karozza baqghat bl-istess problemi.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub.

Fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tistqarr illi hija kienet ikkonfrontat lill-intimat li kienet ser tiftah kawza l-Qorti a bazi tal-fatt li kien se jkollha tiskrappja l-karozza minhabba fih, u biex jevita l-Qorti, l-intimat kien hallasha l-ammont ta' erbgha mija u hamsin Ewro (€450.00) ghall-karozza, u cioe' xtara l-karozza minghandha ghal erbgha mija u hamsin Ewro (€450.00).

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' kont mahrug mill-intimat, li ġiet immarkata bhala Dok.MV1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimat lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentax ir-risposta tieghu bil-miktub ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata. Madanakollu, it-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota illi, nonostante l-principju illi min jallega ghandu jipprova, ma ngabet l-ebda prova da parti tar-rikorrenti fl-ambitu ta' l-allegazzjoni taghha illi l-karozza in kwistjoni kienet baqghat ma tahdimx sew wara li kienu saru x-xogholijiet ta' tiswija u tibdil ta' 'parts' mill-intimat. Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**